# Beati u Qaddisin....Marzu

30 TA' MARZU

SAN LEONARDU MURIALDO



Leonardu Murialdo twieled fis-26 ta' Ottubru 1828 fil-qalba ta' Turin minn familja sinjura li kellha disa' ulied. Meta kellu hames snin missieru miet.  Huwa gie imrobbi ta' nisrani tajjeb fi zminijiet meta kien hemm mibgheda kbira lejn is-sacerdot.

In-nuqqas ta' misieru hassu hafna tant li meta sar sacerdot huwa offra paternita' spiritwali li hafna zaghzagh.

Nadino kif kienu jsejhulu fid-dar, ha l-ewwel edukazzjoni tieghu flimkien ma huh Ernesto fil-kullegg tal-patrijiet Scolopi ta' Savona.

Minhabba li hass vokazzjoni sacerdotali huwa ha kors fit-teologija u sena qabel ma ha l-lawrea tilef lil ommu.  Fl-20 ta' Settembru 1851 huwa gie ordnat sacerdot fil-knisja tal-Vizitazzjoni.

Don Murialdo mill-ewwel beda' l-appostolat tieghu fil-kwartieri foqra ta' Vanchiglia hdejn l-Oratorju ta' l-Anglu Kustodju. Hafna orfni li l-genituri taghhom qabel mietu kienu jafdawhom lil dan l-Oratorju kienu jbatu minn bost nuqqasijiet.  Dan resqu aktar lejn ir-realtajiet edukattivi u minhabba f'hekk hass il-bzonn li jkompli jistudja t-teologija morali u d-dritt kanoniku. F'konferenza li fiha hu tkellem qal li l-bniedem lajk jista' jkun appostlu mhux inqas mis-sacerdot u f'certi ambjenti aktar mis-sacerdot.

Meta fis-sena 1866 irritorna lejn Turin huwa kien jghallem liz-zaghzagh xi sengha biex meta johorgu mill-ambjent li fih hu kien jiehu hsiebhom huma setghu jfendu ghar-rashom. Kien hemm nies ohra anke lajci li kienu jghinuh fil-progetti li bihom hu kien jeduka u jiehu hsieb it-tfal u zaghzagh.

Kien jaghti kaz u jghin lid-dizokkupati u l-haddiema tal-fabbriki organzihom f'ghaqda tal-Haddiema Kattolici li taghhom kien assistant ekklesjastiku. Waqqaf l-assocjazzjoni  ta' l-Istampa t-Tajba u kien fost dawk li holoq il-gurnal " Lehen il-Haddiem", li fi zminijietna saret il-publikkazzjoni djocesana "Lehen il-Poplu".  Kien jmur minn belt ghal ohra halli jara u jifhem il-htigijiet tal-gurnata. Kien devot kbir ta' San Guzepp u bis-sahha tieghu twaqqfet is-Socjeta Guzeppina gewwa Turin.

Fis-sena 1877 marid gravament imma Don Bosco habbarlu li hajtu ma spiccatx hemm. U hekk kien. Kompla jwaqqaf istituzzjoni  ta' beneficenza wahda wara l-ohra. Kienet ta' ugigh ta' ras is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kullegg, izda huwa, iben is-sinjuri, ma stahax jmur jigbor quddiem is-Santwarju tal-Konsolata. Ha diversi inizjattivi biex waqqaf ghaqdiet ta' beneficcju ghall-haddiem u ghaz-zaghzagh, bhal l-ufficju ta' ghajnuna lil min hu fil-bzonn u l-opera tal-Katekizmu ta' filghaxija ghaz-zaghzagh haddiema.

Fis-sena 1892 kiteb lis-sindku fejn ipprotesta fuq l-isfruttament taz-zaghzagh haddiema filwaqt li pprezenta progett ta' riforma fejn wera' il-htiega li l-iskola tkun obbligatorja sa l-14 il-sena, it-tnehhija tax-xoghol ta' billejl, il-mistrieh fil-festi u l-gurnata ta' tmien sieghat xoghol.

Kien jemmen li l-bniedem li jitlob hu bniedem qawwi quddiem Alla, li t-talb huwa r-ruh u l-forza tal-bniedem. It-talb irid isir bl-umilta', tama u perseveranza..  Mhux bizzejjed li wiehed jitlob kien jghid, izda li jitlob bil-qalb.

Kien jghallem li l-karita' hija li thares u titkellem fuq it-tajjeb ta' kull wiehed, u tahfer mill-qalb.

Kien devot kbir ta' Marija Ssma. Kien isejjhilha ommna, l-aktar mahbuba.  Hija omm Alla, ghaldaqstant takkwista kollox minn Alla ghan-nom taghna.

Kellu mhabba kbira lejn pajjizu, infatti kien jirringrazzja lil Alla li twieled gewwa l-Italja, f'Turin, fil-belt tas-Santissmu Sagrament, fil-belt ta' Marija tal-Konsolazzjoni.

San Leonardo Murialdo miet minn pulmunite filghodu tat-tletin ta' Marzu 1900 u giet mgholli ghat-titlu ta' qaddis fis-sena 1971.